## Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Marthese Micallef]**

**vs**

**Dulcinea Estelle Micallef**

Kumpilazzjoni Numru: 201/15

Illum, 21 ta' Ottubru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Dulcinea Estelle Micallef detentrici tal-karta tal-identita` numru 40481M akkuzata talli nhar id-9 ta' Dicembru 2013, ghall-habta ta' 6.30 ta' filghaxija, gewwa

Triq Tal-Labour, Naxxar, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti involontarjament ikkaguna offiza gravi fuq il-gisem jew fis-sahha ta' Karl Fenech bil-konsegwenza li b'tali offiza sehhet il-mewt ta' l-imsemmi Karl Fenech nhar it-13 ta' Dicembru 2013 gewwa l-isptar Mater Dei. (Article 225 Chp 9);

U aktar talli fid-9 ta' Dicembru 2013 ghall-habta ta' 6.30 ta' filghaxija saq vettura b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u b'mod perikoluz (Art 15, 1a Chp 65).

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghall-iswalifika tal-licenzja tas-sewqan ta' l-imsemmija Dulcinea Estelle Micallef.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar elfejn u hmistax (2015) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi ttrattata bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi dawn il-proceduri jittrattaw incident stradali li gara fi Triq il-Labour, Naxxar, u li fih spicca miet Carl Fenech li kien qieghed jaqsam it-triq. L-ebda vettura ohra ma kienet involuta fl-incident.

Illi d-Deputat Registratur esebiet il-Proces Verbal numru 112/14 redatt mill-Magistrat Dr. Charmine Galea LL.D. li gie mmarkat bhala dok. MGC1.

Illi xehed **PS 1270 Antoine Zammit** li qal li fid-9 ta' Dicembru 2013 wara telefonata fejn gie infurmat li gie mtajjar ragel

f'Labour Avenue Naxxar mar fuq il-post fejn sab ambulanza li kienet qed tghabbi lill-vittma u vettura (Toyota Vitz) misjuqa minn Dulcinea Estelle Micallef. L-imputata dehret taht xokk qawwi fejn qalet li kienet tieghla minn Labour Avenue u f'daqqa wahda tara qisha bhall-massa ghax kien fih tifel u ma tiftakar xejn aktar. Meta ccekkja mal-ITU fl-14 ta' Dicembru 2013 gie infurmat li l-vittma Karl Fenech kien miet. In kontroezami x-xhud qal li xi hadd kien indikalu xi passi fil-hamrija u li dawn il-passi kien rahom huwa stess u "*kienu jidhru friski. … Ahna rajna qisu passi ezatt qisu bid-dritt mal-vittma u kien hemm qisu passi mill-hamrija li jaghtu ghal Triq l-Emigranti li tigi fuq Labour Avenue.*" Huwa kkonferma li fejn gara l-incident ma hemmx *lights* jew *zebra crossing*. Ix-xhud gharaf lill-imputata fl-awla u esebixxa rapport li gie mmarkat Dok. AZ1.

Xehed **Mario Delikata** li qal li kien qieghed mal-mara u t-tfal tieghu fejn martu bdiet tisma' mara ohra qieghda tghajjat. Huwa ra karozza f'nofs it-triq u ragel fil-genb lejn il-bankina. Il-mara kienet fi stat ta' paniku u qaltlu li kienet ghada kif

laqtet ragel. Ix-xhud qal lil martu sabiex toqghod mal-imputata mentri huwa mar jara r-ragel f'liema stat kien. Qal li l-vittma kien *unconscious*, kien *unresponsive*, tilef demm pero` ma kompliex hiereg u kien qed jiehu n-nifs b'mod normali. Ix-xhud qal li huwa *first aider*. Huwa baqa' hemm sakemm waslet l-ambulanza. Ix-xhud gharaf lill-imputata fl-awla. In kontroezami qal li l-vittma sabu mal-genb tal-vettura fejn rasu kien xi 30cm 'l boghod mill-bankina u saqajh lejn nofs it-triq. Huwa qal li ma kienx hemm fil-mument tal-incident izda kien hiereg minn *side street* wara li gara l-incident.

Illi xehed **Stephen Cachia** inrapprezentanza ta' Transport Malta li qal li l-vettura bin-nurmu DUL 500 jirrizulta li hija Toyota Vitz u hija registrata fuq Dulcinea Estelle Micallef ID. 40481M- Dok. SC1.

Illi xehed ukoll l-**Ispettur Elton Taliana** li qal li meta mar fuq il-post ma lahaqx lill-vittma hemmhekk pero` sab il-vettura Toyota Vitz li kienet qieghda f'nofs ta' triq u din il-vettura

kellha daqqa sewwa man-naha ta' quddiem. Kien hemm ukoll dmija mal-art u nuccali tal-vista tal-vittma li kien qieghed mal-art. Minn hemm informa l-Magistrat tal-Ghassa li ordnat li tinfetah inkjesta.

Illi xehed il-**Perit Richard Aquilina** b'riferenza ghar-rapport tieghu (Dok. RA) fejn indika li l-hsarat fuq il-vettura kienu fuq in-naha tax-xellug. Qal li l-arbli li kien hemm fil-vicinanzi huma indikat fir-rapport tieghu. Qal ukoll li t-triq kienet xotta u ma kienx hemm *brake marks.*

Illi xehed **PS 1184** li qal li kien gie nominat fl-inkjesta fejn ha ritratti tat-triq fl-10 ta' Dicembru 2013 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija.

Illi xehed ukoll fuq ir-rapport tieghu **Dr. Mario Buttigieg** li qal li kien dalam u l-vizibilita` kienet tajba. Gie kkonstatat li l-incident sehh ftit metri 'l fuq mill-*bus shelter* fuq in-naha tax-xellug. Fir-rapport gie indikat ukoll li ma kien hemm l-ebda *brake marks*. Ix-xhud qal li ha ritratti tal-hamrija li tintuza

minn hafna nies biex minflok joqghodu jinzlu fit-triq u jduru jaqbdu jaqtghu d-dritt minn hemmhekk. Huwa qal li l-vittma kien diga` ttiehed l-isptar u allura ma setax jghid jekk iz-zarbun tal-vittma kienx bit-tajn jew le.

Mistoqsi jispjega kif il-vittma kien gej min-naha tal-lemin u l-hsarat kienu kollha fuq in-naha tax-xellug tal-vettura l-espert qal hekk: *"dan qed jaqsam min-naha tar-right, kif kwazi kwazi qasam tlett kwarti tat-triq spicca milqut."* Skont l-espert il-vittma habat man-naha tal-passiggier. L-espert ikkalkula li l-imputata kienet ghaddejja b'velocita` ta' cirka 37km fis-siegha. Dr. Buttigieg ikkonkluda kif gej: *"ghalkemm is-sewwieqa tal-vettura kienet qed issuq b'velocita` moderata, hi naqset milli thares meta l-pedestrian kien qasam tlett kwarti ta' triq. Illi hija l-opinjoni umli ta' l-esponent illi Micallef xorta kellha thares u tadopera iktar kawtela anke jekk il-visibilita` taghha ma kinitx ristretta. … illi ghalhekk Dulcinea Estelle Micallef kienet qed issuq b'velocita` permessibbli bil-ligi illi huwa stat ta' fatt illi l-inhawi jintuzaw sostenzjalment minn pedestrians u ghaldaqstant Micallef kellha tnaqqas ferm aktar*

*il-velocita` taghha waqt li hi kienet ghaddejja mill-akkwati f'din it-triq."*

Illi xehed **Emanuel Fenech**, missier il-vittma li qal li dakinhar tal-incident ibnu hareg ma' habib tieghu n-Naxxar u x'hin ra li siehbu wasal id-dar u ibnu le hareg u ra karozza mfarrka. Kif dahal l-Isptar qalulu li ma jistghu jaghmlu xejn ghal ibnu u miet erbat' ijiem wara. F'dawk l-erbat' ijiem Karl Fenech qatt ma tkellem ghalkemm ix-xhud u martu baqghu mieghu l-ITU il-hin kollu. Ix-xhud qal li ha ritratti ta' certu *injuries* li ra fuq ibnu. Dawn gew esebiti bhala Dok. EF1a sa EF1h. Ix-xhud qal li l-*injuries* kollha kienu fuq in-naha tax-xellug. Zied jghid li dakinhar kienet gurnata sabiha, ma kinitx xita. Ix-xhud ra biss karozza mfarka u roqgha demm u *tissue* taht il-bankina. Qal ukoll li t-triq hija "*mixghula hafna*." Ikkonkluda billi qal li l-*istage* tax-xarabank kien faccata tar-roqgha demm li kien hemm mal-art.

Illi xehed **PS 638 Mark Bonello** li qal li sema' lill-imputat tghajjat u mar fuq il-post fejn sab il-vittma mal-art li kien qed

jitlef id-demm minn rasu. Dak il-hin kien "*semi koxxenti, ghajnejh miftuhin, jiccaqlaq beda imma l-ebda tip ta' rispons*." Huwa staqsa lill-imputata x'gara fejn qalet li kienet qed issuq normali u qabez ragel mic-cint ghal fuq il-*windscreen* tal-karozza. Ix-xhud qal li l-karozza kienet wiccha direzzjoni lejn il-pjazza tan-Naxxar u l-vittma kien qieghed cirka zewg metri 'l quddiem mill-karozza (lejn il-pjazza). Zied li l-vittma kien qieghed ezatt mal-bankina "*ghax nassumi rrombla mad-daqqa*.."

Xehed ukoll **Dr. Noel Borg** li dakinhar kien xoghol l-ITU fejn qal li l-vittma kien dahal fi stat gravi hafna u kien propju hu li ccertifika l-*brain death*. Qal li l-vittma kellu *injuries* ohrajn pero` l-iktar li jiftakar kien il-*head injury*.

Xehed l-espert nominat mill-Qorti **Dr. Mario Scerri** li qal li ra t-testijiet (*brain stem*) u kien sodisfatt bihom li kien hemm *brain death* u "*ovjament il-kawza tal-mewt allura ta' Fenech kienet direttament relatata ma' trawma vjolenti subita waqt l-incident imsemmi.*" Mistoqsi x'kienu l-*injuries* ix-xhud qal li apparti fil-

mohh kien hemm *fracture* fit-*tibia* u l-*fibula* tax-xellug: *"Jigifieri t-trauma tidher fuq in-naha tax-xellug, hekk tidher sakemm ma giex imbuttat mill-karozza u n-naha tax-xellug habatha ma' l-art. Imma jidher illi anke l-hematoma fuq ix-xellug tal-pulmun, jidher li kollox fuq ix-xellug qieghed."* L-espert qal li ma kienx mar fuq il-post ghaliex mar immedjatament l-isptar. Qal li kien prezenti waqt l-awtopsja.

Xehed **Dr. Ali Salfraz** li kien esegwixxa l-*post mortem* ta' Karl Fenech li qal li l-iktar *injury* gravi kien fuq ir-ras imbaghad kien hemm *injuries* ohra fuq in-naha tax-xellug.

Xehed ukoll **Dr. Imrich Molnar** li qal li mill-X rays irrizulta li l-*knee* u *forearm injury* kienu fuq in-naha tax-xellug.

Rat il-verbal tat-22 ta' Jannar 2018 fejn il-Qorti laqghet it-talba tad-difiza sabiex jigi nominat il-Perit Richard Aquilina sabiex jikkonstata dak iz-zmien tal-incident liema kienet l-iktar *zebra crossing* vicin fejn sar l-incident.

Illi rega' xehed il-**Perit Richard Aquilina** li esebixxa rapport (Dok. RAX a fol. 190) fejn gie kkonstatat li *"d-distanza bejn il-pedestrian crossing u l-post fejn gara l-incident huwa ta' cirka 140 metru. Din id-distanza mhijiex linja dritta (as the crow flies) bejn il-pedestrian crossing u l-post 'X', izda kif wiehed ikun qed isuq jew jimxi."*

Illi xehdet l-imputata **Dulcinea Estelle Micallef** li qalet li hija ghalliema, mizzewwga u ghandha zewgt itfal. Hija kienet ilha ssuq il-vettura Toyotya Vitz mis-sena 2010 u ilha ssuq dsatax-il sena. Qalet li f'dawn id-dsatax-il sena rari kienet involuta f'incidenti u meta kienet dawn ma kinux tort taghha. Dakinhar tal-incident qalet li kienet gejja minn H'Attard minghand ommha u kienet sejra d-dar taghha n-Naxxar. Qalet li fil-karozza kienet wahidha. Dakinhar il-mowbajl taghha kien mitfi ghaliex kien bla batterija. Di fatti kif sehh l-incident bdiet twerzaq u marret fuq il-vittma biex jara x'ghandu bzonn fejn imbaghad giet koppja (mara u ragel) hdejha u l-mara selfitilha l-mowbajl taghha. L-imputata qalet li d-dwal tal-vettura taghha kienu mixghulin u anki l-*headlamps* u t-triq kienet

xotta. Hija qalet li daret mar-*roundabout* u bdiet tiela' naqra 'l fuq fejn ma setghetx issuq ghaliex hemm *zebra crossing* u meta bdiet tiela 'l fuq sehh l-incident. Qalet li t-triq kienet ftit imdawwla fejn *"fuq ir-right hand side hemm iktar dawl milli hemm fuq il-left minhabba s-sigar u minhabba x-shadows."*

In kontroezami l-imputata qalet li: "*minn hemm rajt d-dell l-iswed jiena gol-ghalqa*." Mistoqsija ghalfejn f'dawn il-hames snin qatt ma rrferiet ghan-naha tax-xellug qalet li meta kienet qed titkellem mal-Pulizija hija rreferiet ghan-naha tax-xellug fejn bdiet turihom b'subghajha u kienet proprju qed titkellem fuq in-naha tax-xellug. Qalet li d-deposizzjoni taghtu *on site* waqt li kienet mal-Pulizija fuq in-naha tax-xellug.

Rigward velocita` l-imputata qalet hekk: *"Jiena dejjem insuq bil-mod, nikkalkula li dakinhar kont qed insuq bejn it-thirty-five (35) u l-forty (40) km/h."* L-imputata qalet li meta bdiet tiela' lejn in-Naxxar malli giet ma' genb l-ghalqa li fiha s-sigra minn taht ghajnejha x-xellugija rat dell iswed u qabel ma kellha c-cans tirreagixxi *"kien diga` qisa bhal massa sewda*

*waqghat fuq il-karozza. .. jigifieri ma kellix cans nirreagixxi minn meta ndunajt, minn meta rajt dan id-dell jiena. Ma kellix cans nirrikonoxxi x'kien u x'ma kienx."* L-imputata qalet illi li kieku l-vittma kien fuq in-naha tal-lemin kieku kienet tarah u ovvjament kienet tieqaf. Hija sostniet li d-dell iswed ratu fuq in-naha tax-xellug. Qalet ukol li ghalkemm kienet qed thares 'il quddiem u mal-gnub xorta wahda ma ratx lil Karl Fenech ghaliex l-incident gara wisq malajr u malli rat id-dell lanqas kellha cans tirrikonoxxi x'kien u mill-ewwel gara l-incident. Ziedet tghid illi ma kellhiex ghaggla ghaliex kellha mohha mistrieh li t-tfal kienu mar-ragel taghha d-dar. Qalet ukoll li t-triq inkwistjoni tafha sew ghaliex tghaddi minnha kuljum biex tmur id-dar. Hija kkonfermat illi ftit metri 'l isfel hemm *zebra crossing*. L-imputata kkonkludiet ix-xhieda taghha billi qalet li x-xokk tal-incident ghadu fuqha; qalet li jiddispjaciha hafna ghall-vittma u ghall-familja tieghu.

Illi l-imputata qablet mal-avukat tal-parte civile illi bid-daqqa li ha Karl Fenech huwa ghola u rega' laqghat il-pilastru. Mistoqsija kif seta' joghla l-vittma meta kien jizen 100 kilo u

meta hija kienet qed issuq b'35 km/h l-imputata regghet qalet li hija rat dell u ma kellhiex cans tirreagixxi. Di fatti hija kkonfermat li ma kellhiex cans tirreagixxi ghaliex ma ratx lill-vittma.

Xehed ukoll **Christian Micallef**, ir-ragel tal-imputata, li qal li martu qatlu li f'daqqa wahda waqa' xi haga fuq in-naha tax-xellug tal-bonnet. Huwa spjega li martu kienet "*wisq under shock*." Huwa qal li l-imputata dejjem saqet bil-mod. Mistoqsi kif issuq martu qal: "*Galbata hafna*." Qal li l-incident kellu effett kbir fuq martu; hija anki riedet tmur l-isptar u l-funeral. Qal li martu ghadha sal-lum tmur ghand il-psikjatra. Ix-xhud esebixxa ritratti li gew immarkati bhala Dok. CM1; dawn ittiehdu dakinhar tal-incident. In kontroezami x-xhud baqa' jsostni li missier il-vittma kien kellmu dakinhar fuq l-post u kien anki semma' xi kelb.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz odjern id-dover tal-Prosekuzzjoni hu li jipprezenta quddiem il-Qorti kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputata ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita` diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta` tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha '*colpa incosciente'* a differenza minn dik imsejha '*colpa cosciente*', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti. Hemm 1) l-imprudenza, li tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli; 2) in-negligenza, li tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu; u 3) l-imperizja; li hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe` kif jghid Manzini:- *"L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto".*

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku – Kap 65, il-High Way Code – Motor Vehicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.

Illi l-Qorti ser tezamina x'inhuma r-rekwiziti tar-reat principali in ezami, u cioe` dak kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9, u cioe` tar-reat li biha giet akkuzata l-imputata, u cioe` l-

omicidju involontarju. L-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 jiddisponi s-segwenti:

> *"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd ..."*

Illi ghalhekk wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe`:- 1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ; 2. ikkaguna l-mewt ; 3. fuq persuna.

Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Richard Grech** il-Qorti sostniet is-segwenti:-

> *"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li*

*tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe` fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita` normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."*

Illi l-awtur Taljan Giorgi fil-ktieb tieghu **<u>Teoria delle Obbligazione</u>** (1127 pagna 46) jghid:-

*"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, it-trepod tal-kolpa gie definit bhala: 1. *la volontarieta` dell'atto*; 2. *la mancata previsione dell'effetto nocivo*; u 3. *la possibilita` di prevedere*.

Bhala konkluzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa l-volontarjeta` tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi.

Illi f'kazijiet bhal dak odjern, il-Prosekuzzjoni trid tipprova illi l-imputata kienet kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta'

traskuragni jew li naqset li thares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova n-*nexus* bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputata, liema ness irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet *culpable negligence* u cioe` li tammonta ghal *criminal misconduct* (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali.) Irid jigi determinat allura jekk l-imputata kinitx hatja ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**, il-Qorti tat tifsiriet ghal kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

> *"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza.*

*Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont (reckless driving) hu deskritt fis-Subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-probabilita` ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

*Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi*

*jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita` tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz."*

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali l-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu jkunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah "*esprit de voiture*". U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji,

jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghall-konkluzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta` kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Illi fil-kaz odjern sfortunatament il-vittma ma setax jaghti l-verzjoni tieghu f'dawn il-proceduri. Min-naha l-ohra l-imputata xehdet fejn qalet li rat qisu dell iswed fuq in-naha fejn hija kienet qed issuq u cioe` fuq in-naha tax-xellug stante li hija kienet tiela' fid-direzzjoni lejn l-Pjazza tan-Naxxar. Fil-proceduri odjerni ma kien hemm l-ebda xhud okulari u ghalhekk jifdal biss il-verzjoni tal-imputata bhala l-persuna li setghet tixhet ftit dawl fuq dak li gara. Minkejja dan mir-rapporti tal-esperti nominati fl-atti tal-inkjesta jirrizulta ampjament li Karl Fenech kien qieghed jaqsam min-naha l-opposta tat-triq u cioe` min-naha tal-lemin. Il-Qorti thoss li ma tistax taghti piz lil dak li qalet l-imputata ghaliex fil-verita` hija tikkonferma li ma ratx lil Karl Fenech u l-unika

haga certa fix-xhieda taghha hija dak li rat meta kien diga` sar l-impatt ("*kien diga` qisa bhal massa sewda waqghat fuq il-karozza").*

Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar t-tnax (12) ta' Frar 2004, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Grima** intqal li: *"Il-fatti - inkluzi l-provi ndizzjarji [circumstantial evidence] jistghu jkunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzjonijiet minn dawk il-fatti... dawk li fid-dottrina Ingliza jissejjhu presumptions of fact. These are all inferences which maybe drawn by the tribunal of fact."*

Illi din il-Qorti ghamlet dawn il-*presumptions of fact*, li johorgu mid-dinamika tal-incident u meta qieset u ghamlet apprezzament tal-fatti kollha li jirrizultaw mill-atti hija tista' tasal b'konvinzjoni ghal-konkluzjoni dwar id-dinamika tal-incident.

Illi analizi qasira tal-gurisprudenza nostrana turi x'inhuma r-responsabilitajiet ta' sewwieq fit-triq.

Illi sewwieq huwa rikjest li jkollu dak li jissejjah bhala *proper look out*. Illi fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista** (deciz fis-26 ta' Mejju, 2004 [App. Krim. Nru: 18/2004]), il-Qorti kkwotat sintezi mehuda minn decizjoni precedenti (deciz fil-25 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Gauci** [App. Krim. Nru: 32/2004/JGD]) u sostniet:

> "*Gie appropositu ritenut li hu dover ta' driver 'to see what is in plain view" (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Joseph Vella [10/08/1963] u li 'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout' (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs J.M. Laferla [17/06/1961])".*

Illi fi **Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd.** (1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche dak li jigri ma jkunx dovut unikament u esklussivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (Vide Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** (16.3.1961); **Il-Pulizija vs. John Polidano** (3.11.1963); **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** (XXXVII.IV.1131). Dan ghaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883).

Illi ma hemmx dubju li l-imputata kienet imprudenti fis-sewqan taghha dakinhar tad-9 ta' Dicembru 2013 u dana

ghaliex hija ma zammitx *a proper look out* ta' dak kollu li kien fid-dintorni taghha. Ghal dan l-agir ghandha tirrispondi biss u unikament l-imputata. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-imputata hija responsabbli ghall-omicidju involontarju ta' Carl Fenech ghaliex minhabba l-imprudenza fis-sewqan taghha hija naqset milli tara lil Carl Fenech li kien qed jaqsam it-triq u li kien qasam diga` iktar minn tliet kwarti tal-imsemmija triq. Ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha kif prodotti fir-reat in dezamina.

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat fid-dettal fl-atti, hi sodisfatta mill-ezistenza ta' din il-konnessjoni ta' kawzalita` bl-aktar mod dirett stante li l-vittma miet bhala rizultat tas-sewqan tal-imputata li kellha zzomm *a proper look out* specjalment meta t-triq inkwistjoni hija wahda wiesgha u traffikuza u hemm *bus stops* fil-vicinanzi.

Fit-tieni lok l-imputata giet akkuzata wkoll talli saqet l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, bla kont u b'manjiera perikoluza. Fil-kaz odjerna ma jirrizulta minn imkien fl-atti li

l-imputata kienet qed issuq bi *speed eccessiv*, jew li l-imputata tilfet il-kontroll tal-vettura taghha jew li skidjat u allura l-Qorti mhijiex moralment konvinta li s-sewqan tal-imputata wasal sa tali grad. Il-Qorti thoss li l-incident gara minhabba nuqqas ta' *proper look out* u mhux ghaliex l-imputata saqet b'mod traskurat jew perikoluz. Ghalhekk din l-akkuza ma tirrizultax ippruvata.

Illi ghar-rigward il-piena l-Qorti tinnota li l-fedina penali tal-imputata hija wahda netta. Di piu` kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin (20) ta' Mejju 1993 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Abela**, id-disposizzjoni tal-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, fil-latitudini kontemplata hu konsonu ma' principji rikonoxxuti in materia u ghalhekk konformament mal-ahjar gurisprudenza tat-Tribunal Lokali ghandha ssir is-segwenti distinzjoni bejn:

a. Kaz fejn il-*criminal misconduct* jikkonsisti per ezempju f'velocita` deliberatament u ezageratament eccessiva jew f'sewqan b'manjiera periokoluza – bhal min jaghmel uzu minn

*brakes* li huma difettuzi, u cioe' fejn ikun hemm "*a selfish disregard for the safety of th*e road users *or their passengers or who have driven recklessly.*" [Principles of Sentencing – D.A. Thomas – Second Edition pg. 87]; u

b. Kaz li min isuq b'mod traskurat jew li jikkommetti biss *error of judgment*, nonostante l-fatt li kieku kellu l-hila mehtiega kien jista' jevita d-disgrazzja, bhal meta wiehed ma jikkalkolax tajjeb c-cirkostanzi ta' sorpass.

Illi ghalhekk ai fini ta' piena huwa wkoll l-oneru tal-Qorti, f'kazijiet simili, li tirrifletti fuq il-grad ta' negligenza riskontrata fl-agir tal-imputat, stante li jista' jaghti l-kaz li din, ghad li tkun ta' natura kriminuza, pero' ma tilhaqx dak il-grad li timmerita piena restrittiva tal-liberta` personali, u dan kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha (4) ta' April 1951 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Formosa** u fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Agius** gia citata.

Illi di fatti, kif gie affermat fil-kawza fl-ismijiet **Rex v Rose (1938)** – 20 Crim. App. R. 166:- *"No offence varies so much in gravity as manslaughter. One must look at the circumstances in each particular case and see whether it is an offence which calls for severe or mitigated punishment."*

Illi fl-applikazzjoni tal-piena l-Qorti ser tiehu wkoll inkonsiderazzjoni r-rimors tal-imputata, ix-xokk li hija hadet u anki l-fatt li hija ghandha *a good driving record*.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 225 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata Dulcinea Estelle Micallef hatja tal-ewwel (1) akkuza dedotta kontriha u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputata ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin, filwaqt li tilliberaha mit-tieni (2) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tikkundanna lill-imputata sabiex thallas l-

ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri liema spejjez jammontaw ghas-somma komplessiva ta’ elfejn u tmien ewro u sittax-il centezmu (€2,008.16).

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**